**Is-Sibt**

**It-III gimgha tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Għadda l-lejl mudlam, li jgħatti
kollox fl-art bi star sewdieni;
dawl il-għodwa qed jinfirex
mas-smewwiet, u l-jum ġa sebaħ.
2.
Jitlaq mela wkoll minn ruħna
dlam id-dnub u l-kruha tiegħu,
u timtela b'dawl il-grazzja,
ħa naraw u nimxu sewwa.
3.
Meta tisbaħ l-aħħar għodwa,
li b'tant ħrara nixtiquha,
hi tibdielna l-jum ta' dejjem,
fil-mistrieħ u d-dawl tas-sema.
4.
Glorja lill-Missier, lill-Iben,
lill-Ispirtu s-Santu, Alla:
bħalma msebbaħ kien mill-bidu,
hekk jissebbaħ issa w dejjem. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Inti ħdejja, Mulej; sewwa huma triqatek.
L-Għid: Il-kliem li jiena għedtilkom huwa spirtu u ħajja, hallelujah.

**Salm 118 (119),145-152**

B'qalbi kollha ngħajjatlek: †
weġibni, Mulej; *
irrid inħares il-kmandamenti tiegħek.
Lilek insejjaħ: salvani int; *
u nħares il-preċetti tiegħek.

Sa minn qabel is-sebħ nitlob l-għajnuna; *
u fi kliemek jien nittama.
B'għajnejja miftuħa tul is-sahriet tal-lejl, *
jien noqgħod naħseb fuq il-wegħda tiegħek.

Isma' leħni, Mulej, fit-tjieba tiegħek; *
u żommni ħaj skond id-digrieti tiegħek.

Qorbu lejja dawk li jfittxu l-ħażen, *
dawk li tbiegħdu mil-liġi tiegħek.

Imm'inti ħdejja, Mulej; *
sewwa huma l-kmandamenti tiegħek.
Jien ili naf mill-preċetti tiegħek *
li għal dejjem int waqqafthom. –

Ant. Inti ħdejja, Mulej; sewwa huma triqatek.
Ant. 2 Mulej, jieqaf miegħi l-għerf tiegħek fit-tħabrik tiegħi.
L-Għid: Mulej, inti bnejt it-tempju u l-artal fuq il-muntanja qaddisa tiegħek, hallelujah.

**Kantiku (Għerf 9,1-6.9-11)**

Alla ta' missirijieti, Sid il-ħniena, *
bil-kelma tiegħek int għamilt kollox;
b'għerfek sawwart il-bniedem, *
biex jaħkem fuq il-ħlejjaq li int għamilt,
biex irieġi d-dinja bil-qdusija u bis-sewwa, *
u jaqta' l-ħaqq b'fehma sinċiera.

Agħtini l-għerf li qiegħed ħdejn it-tron tiegħek, *
u twarrabnix minn fost il-qaddejja tiegħek.
Għax jien qaddej tiegħek, †
bin il-qaddejja tiegħek, *
bniedem dgħajjef li jintemm qasir il-għomor,
bniedem li m'għandux ħila jifhem *
il-ħaqq u l-liġijiet.
Għax ukoll min hu perfett fost il-bnedmin, *
jekk jonqsu l-għerf, li jiġi minnek,
jitqies bħax-xejn.

Miegħek hu l-għerf, li jaf l-għemejjel tiegħek; *
hu kien hemm, int u tagħmel id-dinja;
huwa jaf x'inhu dak li jogħġob lilek, *
x'inhu s-sewwa skond il-kmandamenti tiegħek.

Ibgħat l-għerf mis-smewwiet imqaddsa, *
ibagħtu mit-tron glorjuż tiegħek,
biex jieqaf miegħi fit-tħabrik tiegħi, *
ħa nkun naf sewwa x'inhu dak li jogħġob lilek;
għax huwa kollox jaf u kollox jifhem, †
f'kull ma nagħmel imexxini bl-għaqal, *
u bil-glorja tiegħu jħarisni.

Ant. Mulej, jieqaf miegħi l-għerf tiegħek fit-tħabrik tiegħi.
Ant. 3 Il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem.
L-Għid: Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja, hallelujah.

## Salm 116 (117)

Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, *
sebbħuh, popli kollha.

Għax kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, *
il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

Ant. Il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

## LEZZJONI QASIRA Fil 2,14-15

Agħmlu kollox mingħajr tgemgim u tħassib, ħalli tkunu nies bla għajb u safja, ulied Alla bla tebgħa f'nofs bnedmin ta' ħajja mgħawġa u mħassra, li fosthom għandkom tiddu bħal kwiekeb fid-dinja.

## RESPONSORJU QASIR

R. Lilek, Mulej, insejjaħ; * Inti l-kenn tiegħi. Lilek.
V. Inti sehmi f'art il-ħajjin. * Inti l-kenn tiegħi. Glorja. Lilek.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

**PREĊI**

Alla ried li Marija, Omm Kristu, tisboq lill-ħlejjaq kollha tas-sema u ta' l-art.
Nitolbuh b'fiduċja sħiħa:
*Ħares lejn Omm Ibnek u ismagħna.*
Missier ta' kull ħniena, inroddulek ħajr għax inti tajtna lil Marija biex tkun Ommna u l-eżempju tagħna:
- bit-talb tagħha qaddes lil qalbna.
Bil-grazzja tiegħek, Marija kienet attenta għal kliemek u qdietek bil-fedeltà.
- bit-talb tagħha agħtina l-frott ta' l-Ispirtu s-Santu.
Int qawwejt lil Marija biex tieqaf ħdejn is-salib ta' Ibnek u fawwartha bl-hena fil-qawmien tiegħu:
- bit-talb tagħha biegħed minna kull hemm u wettaqna fit-tama.
Ftakar fl-ibliet u l-irħula tagħna li ħatru lil Marija patruna tagħhom:
- bit-talb tagħha xerred fuqhom il-barka tiegħek.

**Missierna**

**Talba**

O Alla, inti l-għajn u l-awtur tas-salvazzjoni tagħna; agħmel li l-ħajja tagħna kollha kemm hi tkun dejjem stqarrija waħda tal-glorja tiegħek, biex it-tifħir li nagħtuk fuq l-art niġu nkompluh għal dejjem fis-sema. B'Ibnek.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**